

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili](#) > [Titolu Eżekuttiv Ewropew](#) > [Slovenja](#)

Titolu eżekuttiv ewropew

Slovenja



Slovenja

SIB QRATI/AWTORITAJIET KOMPETENTI

L-għodda ta' tiftix hawn taħt se tgħinek tidentifika qorti/qrati jew awtorità(jiet) kompetenti għal strument legali Ewropew speċifiku. Jekk jogħġbok innota li għalkemm sar kull sforz biex tiġi aċċertata l-preċiżjoni tar-riżultati, jista' jkun hemm xi każijiet eċċezzjonali li jikkonċernaw id-determinazzjoni ta' kompetenza li mhumiex neċessarjament koperti.

1. Proċeduri għall-korrezzjoni u l-irtirar (Art. 10(2))

Il-proċeduri għar-rettifika msemmija fl-Artikolu 10(2):

- Fis-Slovenja, talba għal rettifika trid tiġi indirizzata lill-awtorità li tkun ħarġet iċ-ċertifikat tal-Ordni Ewropew ta' Infurzar (l-Artikolu 42(c)(1) tal-Att dwar l-Eżekuzzjoni u l-Ksib tat-Talbiet).

Il-proċeduri għal irtirar msemmija fl-Artikolu 10(2):

- Il-proċedimenti għall-annullament skont l-Artikolu 42(c)(2) tal-Att dwar l-Eżekuzzjoni u l-Ksib tat-Talbiet (il-qorti jew l-awtorità li tkun ħarġet iċ-ċertifikat hija kompetenti li tannullah) u l-Artikolu 40(c)(3) tal-istess Att (għall-finijiet tal-proċedimenti ta' annullament ta' ċertifikat finali bbażat fuq dokument uffiċjali wara deċiżjoni ta' eżekuzzjoni, il-ġuriżdizzjoni territorjali hija tal-qorti li jkollha ġuriżdizzjoni territorjali biex tiddeċiedi dwar il-mezz ammissibbli għall-eżekuzzjoni).

2. Proċeduri għar-reviżjoni (Art.19 (1))

Il-ftuħ mill-ġdid ta' proċedimenti skont l-Artikoli 394-405 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.

Restitutio in integrum skont l-Artikoli 166-120 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.

3. Lingwi aċċettati (Art. 20(2)(c))

Il-lingwi uffiċjali huma s-Sloven, flimkien maż-żewġ lingwi minoritarji fl-użu uffiċjali fil-qorti fiż-żoni abitati mill-minoranzi nazzjonali rispettivi (l-Artikoli 6 u 104 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, flimkien mal-Artikolu 15 tal-Att dwar l-Eżekuzzjoni u l-Ksib tat-Talbiet). Il-lingwi minoritarji nazzjonali huma t-Taljan u l-Ungeriż.

Żoni b'etniċità mħallta huma ddefiniti fl-Att dwar it-Twaqqif tal-Muniċipalitajiet ("ZUODNO"; *Uradni list RS* (il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tas-Slovenja), Nru 108/06 - test ikkonsolidat uffiċjali u 9/11). L-Artikolu 5 taz-ZUODNO jgħid: "Żoni b'etniċità mħallta skont it-tifsira ta' dan l-Att huma daww iddefiniti hekk mill-istatuti attwali tal-muniċipalitajiet ta' Lendava, Hodoš-Šalovci, Moravske Toplice, Koper, Izola u Piran."

4. Awtoritajiet nominati biex jiċċertifikaw id-dokumenti awtentiċi (Art. 25)

In-nutara.

Direttorju tan-nutara jinsab hawnhekk: <http://www.notar-z.si/poisci-notarja>

■ L-aħħar aġġornament: 26/10/2017

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.